# GRAFFITI MARITTIMI MALTIN

Joseph Muscat

Il-graffiti, għal l-iskop ta' din il-kitba, huma dawk il-figuri ta' bċejjeċ tal-baħar u simboli oħra li tara mnaqqxin mal-ħitan fuq il-ġebla u xi ftit fuq l-injam ukoll. L-inqix bilkemm jidher minn metru 'l bogħod u għalhekk saru bi skop ta' wegħda u mhux bħala tiżjin. L-inqix kien isir b'xi ponta rqiqa tal-ħadid u għalhekk ċerti nqix fil-fond jew imqabbeż sew ma jidħolx f'din il-kategorija ta' graffiti.

Wieħed ikollu jgħid li l-inqix tal-graffiti biż-żmien ħa xejra ta' drawwa reliġjuża u kultura fl-istess ħin billi nsibu eluf minnhom f'Malta u f'Għawdex. Niftehmu, din mhix xi ħaġa ta' Malta biss billi l-graffiti ssibhom mal-Mediterran kollu sa mill-qedem. Hawn Malta l-eqdem huma dawk li hemm fit-Tempji ta' Ħal Tarxien. Dawn juru bċejjeċ tal-baħar tal-1600 Qabel Kristu u huma l-eqdem fil-Mediterran. Disgħin fil-mija tal-graffiti fil-gżejjer Maltin juru bastimenti tal-qlugħ. Il-popolarita ta' dan is-simbolu turi forsi kemm il-Maltin kienu marbutin mal-baħar bħala baħrin, kursari u sajjieda.

Interessanti li wieħed ikun jaf li fost simboli oħra fost il-graffiti tidher il-pala ta' l-id, waħda waħda jew tnejn tnejn. Issa ta' min ikun  jaf li din id-drawwa tagħraf l-għeruq tagħha fil-kultura ta' l-Għarab.  Dawn għadhom sal-lum juru l-id ta' Fatma forsi mħabba xi superstizzjoni fuq id-djar u l-imriekeb tal-baħar tagħhom. Is-salib tal-kavallieri jidher ukoll kemm-il darba bħala graffit u tara wkoll is-simbolu ta' tajra u ta' crieki b'disinn fihom, li dawn jafu l-bidu tagħhom ukoll fi drawwiet Għarbin.

Il-graffiti, b'mod specjali dawk li ssib mal-ħitan ta' barra u ta' ġewwa tal-knejjes, għandhom tifsira ta' wegħda jew ta' ex-voto. Meta wieħed ma kienx jista' jħllas biex ikollu kwadru bħala wegħda ta' l-inqas seta' jħalli xbiha tal-biċċa tal-baħar

tiegħu ma’ ħajt ta’ knisja bħala talba lil Alla biex ikollu vjaġġ tajjeb jew bħala ringrazzjament meta jerga’ lura lejn Malta. Ma jistax jonqos li xi wħud mill-graffiti tnaqqxu minn min ma kellux x’jagħmel biex iħalli tifkirietu ma’ xi ħajt.

L-interpretazzjoni tal-graffiti tiddependi mill-kwalita tagħhom, minn min jarahom u mill-ħin li fih jarahom. Jekk wieħed ma jkollux l-iċken ħjiel ta’ l-istorja tal-bastimenti qajla jkun jista’ jara fil-graffiti ħajt ta’ kenn: għalih dawk huma kollha l-istess bla ebda tifsira ta’ xejn. Xi graffiti jkunu fi stat hekk fqir li ma jurux ħlief ftit sinjali bla tifsira ta’ xejn. L-interpretazzjoni tal-graffiti tiddependi wkoll mill-pozizzjoni tax-xemx u minn zminijiet differenti tas-sena. Ma temminx lil għajnejk kultant meta tħares lejn graffit filgħodu jew ftit qabel ma tinżel ix-xemx jew meta tgħarbel graffiti fis-sajf jew f’xi staġun ieħor: id-differenzi fl-għarfien ta’ graffiti tinħass sewwa.

Waqt li ngħidu li l-graffiti mhux ser joffru xi tagħrif tekniku dwar il-bastimenti b’danakollu juru karatteristiċi tagħhom li jindikaw iż-żmien ta’ l-origini tagħhom. Qatt ma tara xi kitba marbuta magħhom li tista’ titfa xi ftit tad-dawl dwarhom. L-importanza tagħhom tidher ukoll mill-fatt li iktar ma ssib minnhom mal-ħitan ta’ xi knisja tista’ tinduna kemm dik kienet tgawdi fama u x’devozzjoni kien hemm marbuta magħha.

Xi graffiti huma tassew sbieħ u fihom x’tara. Tassew li mhux kollha saru minn min ma kellux x’jagħmel jew li huma xogħol tat-tfal. Hu minnu li l-biċċa l-kbira tagħhom juru biss il-linji prinċipali ta’ bastiment u ftit li xejn jagħtu xogħol sħiħ ta’ l-attrezzatura tal-arbli, qlugħ u ħbula. Kultant issib dawk li juru proporzjon eżatt bejn iż-żaqq jew il-buk tal-bastiment u l-arbli u l-qlugħ tagħhom. F’dar privata nstabu graffiti ta’ bastimenti tassew fihom x’tara għax saru forsi minn min jifhem fis-suġġett. Imqabblin ma’ graffiti barranin dawn ta’ Malta la huma agħar u lanqas aħjar minnhom.

Meta wieħed jibda jdur biex isib xi graffit għandu l-ewwel u qabel kollox iħares lejn xi faċċata ta' knisja. Hi ħaġa tassew kurjuża li ssib wisq iżjed graffiti mal-ħitan ta' knejjes filjali jew rurali milli ma' dawk parrokkjali. Iżda mbagħad hemm bini ieħor u dawn mhumiex ftit li mal-ħitan tagħhom issib xi graffiti. Min qatt kien jobsor li ma' hajt ta' kamra nofsha mwaqqa' u li tinsab f'nofs l-għelieqi għandek issib għadd minnhom.

Biex jirnexxilek tara sew il-graffiti trid tersaq qrib lejn xi ħajt u mhux iżjed baxx mit-tielet filata jew ogħla mis-seba' waħda; xi drabi din ir-regola ikollok tiskartaha. Mhux l-ewwel darba li jkollok tmur tara l-istess graffit f'ħinijiet differenti b'mod speċjali jekk tkun  trid tieħu xi ritratt tajjeb.

Kull fejn tħares għal xi graffiti għandek tara ħsara kbira ħafna drabi magħmulha mill-bniedem iżda xi drabi tkun ġejja minn-natura tal-ġebla għax tibda titfarfar. Min jaf kemm-il darba tara graffiti mħassrin bi brix ta' vandali fuqhom bla ma dawn  ikunu jafu li qed jeqirdu wirt Malti. Min jaf kemm-il darba nbarxu ħitan, tbaqqnu u nksew bis-siment li qered darba għal dejjem kull graffit li seta' kien hemm. Illum ngħidu li sirna iżjed konxji mill-importanza tagħhom u qed jingħataw l-attenzjoni li tixirqilhom.

Ma jezisti kważi l-ebda mezz biex tippreserva l-ġebla mit-tmermir naturali tagħha. Kemm tara graffiti fuq ġebel mielaħ li taf li ser jinqeredu iżda ma tista' tagħmel xejn ħlief li tieħu ritratt u tiddokumenta l-preżenża tagħhom. Ħasra li tara xi wħud li donnhom ma jsibux mezz biex iħarbxu isimhom aħjar minn dak li bih iħassru graffiti ta' mijjiet ta' snin ilu għax joborxu fuqhom. Għalhekk it-tagħlim dwar l-importanza tagħhom jista' joħloq b'xi mod mentalita ġdida li tqis il-graffiti bħala wirt nazzjonali, kulturali, socjali u religjuż tagħna lkoll.

Jidher ċar meta wieħed jistudja u jqabbel il-graffiti ta' pajjiżi oħra ma' dawk ta' Malta li huma bhal wirt ta' l-umanita, qisu l-istess id li għamlet dawk ta' barra hija l-istess waħda li ħadmet hawn Malta. Iżda trid tqis wara kollox li billi l-graffiti juru

sinjali bażiċi biss trid u ma tridx graffiti magħmulin minn bnedmin differenti, ħafna drabi jixxiebħu. Ma ninsewx ukoll li baħri li jdur mal-Mediterran kien ħafna drabi jieħu u jikkopja dak li kien jara jsir minn baħrin ta' pajjiżi oħra.
Mitt bniedem mitt fehma jgħid il-Malti u biex tagħti tifsira lil xi graffiti trid ikollok ħjiel tagħhom. Tara perezempju kif tlieta minn-nies jagħtu interpretazzjoni differenti ta' l-istess graffit. Min jifhem fl-istorja marittima ta' Malta jkollu t-tentazzjoni li jara u jżid dak li ma jkunx hemm fi graffit. Min ma jifhimx fil-bastimenti ħafna drabi graffit ma jfisser xejn għalih. Kull graffit fih storja għal min jaf iħares sew.

Fil-gżejjer Maltin instabu graffiti f'siti arkeoloġiċi bħal dawk tal-katakombi ta' San Pawl u tad-Dejr fir-Rabat. Dawk ta' Ħal Tarxien huma l-eqdem graffiti ta' bastimenti fil-Mediterran. Instabu oħrajn f'tas-Silġ, Ħal Far, San Pawl Milqi, l-Ipoġew tal-Marsa, fis-sotterran tal-Mużew tal-Katidral fl-Imdina u nħawi oħrajn.

Xi ftit issibhom mal-ħitan tal-knejjes parrokkjali bħal dik ta' Ħ'Attard, Ħal Tarxien, il-Katidral Għawdex, Ħal Kirkop, is-Sannat Għawdex, is-Santwarju tal-Mellieħa, il-Grotta ta' San Pawl ir-Rabat, Ħaż-Żebbuġ, San Ġorġ f'Ħal Qormi u bnadi oħra wkoll.

Fil-lista twila tal-knejjes filjali jew tal-kampanja nsibu dik ta' San Ċir fir-Rabat, San Girgor fiż-Żejtun, San Pawl Nawfragu fil-Mosta, tal-Ħlas f'Ħal Qormi, San Blas fis-Siġġiewi, il-parroċċa l-qadima ta' Birkirkara, il-Knisja tal-Viżitazzjoni f'Wied Qirda f'Ħaż-Żebbug, Santu Kristu f'Ħal Għaxaq, il-Vitorja f'Ħal Qormi u bosta u bosta oħrajn.

Żjara lill-fortifikazzjonijiet ta' Selmun, il-Ponta ta' l-Isla, Bieb is-Sultan fil-Birgu u l-Porvlista ta' Bormla tkun interessanti billi hemm issib bosta graffiti ta' bastimenti u simboli oħra.

F’bini pubbliku bħal ngħidu aħna l-ħabs il-qadim Għawdex, il-Palazz San Anton Ħ’Attard jew il-Palazz ta’ l-Inkwiżitur fil-Birgu għandek issib bosta u bosta graffiti ta’ bastimenti u simboli oħrajn. Iżda barra dawn il-postijiet li semmejna hemm wisq oħrajn li mhux ta’ min iħalli barra iżda għandu jzurhom biex jara b’għajnejh il-wirt li ħallewlna missirijietna.

Meta mbagħad niġu biex insemmu l-bini privat li fihom issib ukoll bosta graffiti titfixkel minn fejn ser tibda. L-ewwelnett iridu jkunu s-sidien tad-djar li jagħtu l-permess u li jinfurmawk bl-eżistenza tagħhom fi djarhom. Meta wieħed juri interess fi studju bħal dan mhux daqshekk diffiċli li ssib min jiftaħlu daru biex ikun jista’ jeżamina l-graffiti. Djar f’Bormla, f’Ħal Qormi, ta’ Ċenċ f’Għawdex, f’Ħaż-Żebbuġ, fil-Belt, fiż-Żurrieq, fis-Siġġiewi, fl-Imdina, fin-Naxxar u nħawi oħra issibilhom bosta graffiti ta’ bastimenti.  Irrid ngħid li x’uhud mill-graffiti ssibhom mal-hitan ta’ barra u għalhekk ma jkollok ebda ħtieġa ta’ permess biex tħares lejhom.

Jekk wieħed jibda’ biex jinteressa ruhu fi studju bħal dan jagħmel tajjeb jekk jibda jfittex xi kitbiet li diġa jeżistu iżda fuq kollox ifittex li jieħu forom tagħhom biex wara jsiru tal-gibs. Niftehmu, trid issib min jgħinek biex ma tagħmilx hsara. Illum insibu bosta materjal, speċi ta’ pastellina artifiċjali, biex wieħed jagħmel forma ta’ graffit bla ma jagħmel ħsara ta’ xejn.

Ta’ min jirsisti biex napprezzaw dan i-wirt tal-graffiti li hu wieħed interessanti ħafna u li juri kif kienu jaħsbuha missirijietna.